



PARLAMENT EWROPEW

2009 – 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0143/2013

25.4.2013

RAPPORT

dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE
(2012/2306(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Antolín Sánchez Presedo

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	19
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	22
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR	26
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU	31
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	37

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE (2012/2306(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b' mod partikolari l-Artikoli 101, 102 u 107 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-2011 dwar il-linja politika dwar il-Kompetizzjoni (COM(2012)0253) u d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2012)0141),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat¹,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet)²,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2008 dwar l-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja preżenti (il-Komunikazzjoni Bankarja)³,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2008 bit-titlu 'Ir-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarja preżenti: limitazzjoni tal-għajjnuna għall-minimu meħtieġ u protezzjoni kontra distorsjonijiet ta' kompetizzjoni mhux mistħoqqa (il-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni)⁴,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2009 dwar it-trattament ta' assi indeboliti fis-settur bankarju tal-Komunità (il-Komunikazzjoni dwar Assi Indeboliti)⁵,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2009 fuq ir-ritorn għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni ta' miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali taħt ir-regoli tal-għajjnuna mill-Istat⁶,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2008 dwar qafas temporanju għal miżuri ta' għajjnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament

¹ ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

² ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

³ ĠU C 270, 25.10.2008, p. 8.

⁴ ĠU C 10, 15.1.2009, p. 2.

⁵ ĠU C 72, 26.3.2009, p. 1.

⁶ ĠU C 195, 19.8.2009, p. 9.

fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali (il-Qafas Temporanju oriġinali)¹,

¹ ĠU C 16, 22.1. 2009, p. 1.

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Diċembru 2010 dwar qafas temporanju għal miżuri ta' għajjnuna mill-Istat biex isostnu l-aċċess għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali (il-Qafas Temporanju ġdid, li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2010)¹,
- wara li kkunsidra r-rapport finali tat-2 ta' Ottubru 2012 mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar ir-riforma fl-istruttura tas-settur bankarju²,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali³,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajjnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati mill-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali⁴,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata 'Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (2011)⁵,
- wara li kkunsidra Regolament tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajjnuna de minimis mogħtija lil intrapriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali⁶,
- wara li kkunsidra l-istudju ta' Ġunju 2011, ikkummissjonat mill-Parlament, bl-isem "Għajjnuna tal-Istat – Regoli dwar kriżijiet għas-settur finanzjarju u l-ekonomija reali"⁷,
- wara li kkunsidra l-istudju ta' Ġunju 2012, ikkummissjonat mill-Parlament, bl-isem 'Rimedju Kollettiv fl-ambitu tal-Antitrust'⁸,
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni bl-isem 'Konsultazzjoni pubblika: Lejn Approċċ Ewropew Koerenti għal Rimedju Kollettiv' (SEC(2011)0173),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem 'Il-Modernizzazzjoni tal-Għajjnuna mill-Istat tal-UE' (COM(2012)0209),
- wara li kkunsidra r-rapport speċjali N15/2011 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem 'Il-proċeduri tal-Kummissjoni jassiguraw il-ġestjoni effettiva tal-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat?'⁹;
- wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar ċerti miżuri ta' għajjnuna mill-Istat

¹ ĠU C 6, 11.1. 2011, p. 5.

² http://ec.europa.eu/internal_market/bank/docs/high-level_expert_group/report_en.pdf

³ ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4.

⁴ ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3.

⁵ ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15.

⁶ ĠU L 114, 26.4.2012, p. 8.

⁷ <http://www.europarl.europa.eu/activities/committees/studies/download.do?language=en&file=42288>

⁸ <http://www.europarl.europa.eu/committees/en/studiesdownload.html?languageDocument=EN&file=74351>

⁹ <http://eca.europa.eu/portal/pls/portal/docs/1/10952771.PDF>

fil-kuntest tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal wara l-2012 (minn hawn 'il quddiem "il-Linji Gwida ETS")¹ ,

- wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas tal-20 ta' Novembru 2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea² (minn issa 'l quddiem "il-Ftehim Qafas"), b'mod partikolari l-paragrafi 12³ u 16⁴ tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Samit taż-Żona tal-Euro tad-29 ta' Ġunju 2012⁵ ,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Frar 2005 dwar ir-Rapport Nru XXXIII tal-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2003⁶ , tal-4 ta' April 2006 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2004⁷, tad-19 ta' Ġunju 2007 dwar ir-Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2005⁸, tal-10 ta' Marzu 2009 dwar ir-Rapporti dwar il-Kompetizzjoni tal-2006 u l-2007⁹, tad-9 ta' Marzu 2010 dwar ir-Rapport dwar il-Kompetizzjoni 2008¹⁰, tal-20 ta' Jannar 2011 dwar ir-Rapport dwar il-Kompetizzjoni 2009¹¹ u tat-2 ta' Frar 2012 dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni¹²,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2011 dwar ir-riforma tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat għal Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali¹³,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0143/2013),
- A. billi l-politika tal-kompetizzjoni abbażi tal-prinċipji ta' swieq miftuħa u kundizzjonijiet indaqs fis-setturi kollha hija parti mill-kodiċi ġenetika tal-UE, kif ukoll punt ewlieni tal-ekonomija tas-suq soċjali Ewropea u għodda għas-servizz tal-konsumaturi Ewropej biex tiżgura suq intern soċjalment u ekonomikament b'saħħtu u biex tiġġieled il-prattiki abbużivi minn ċerti operaturi tekniċi;
- B. billi l-moviment ħieles tal-merkanzija, tas-servizzi, tal-persuni u tal-kapital kien essenzjali għat-tkabbir Ewropew;

¹ ĠU C 158, 5.6. 2012, p. 4.

² ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

³ 'Kull Kummissarju jrid jiżgura li jkun hemm skambju regolari u dirett ta' tagħrif bejn il-Kummissarju u l-Presidenti tal-kumitat parlamentari rilevanti.'

⁴ 'Fi żmien tliet xhur wara l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni parlamentari, il-Kummissjoni għandha ttiprovdi tagħrif bil-miktub lill-Parlament dwar l-azzjoni meħuda bħala twegħiba għal talba speċifika indirizzata lilha mir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament, inkluż f'każijiet fejn ma setgħatx tiegħu azzjoni skont il-fehmiet tiegħu.'

⁵ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ec/131359.pdf.

⁶ Testi adottati, P6_TA(2005)0032.

⁷ Testi adottati, P6_TA(2006)0120.

⁸ Testi adottati, P6_TA(2007)0263.

⁹ Testi adottati, P6_TA(2009)0099.

¹⁰ Testi adottati, P7_TA(2010)0050.

¹¹ Testi adottati, P7_TA(2011)0023.

¹² Testi adottati, P7_TA(2012)0031.

¹³ Testi adottati, P7_TA(2011)0494.

- C. billi l-kriżi ekonomika, finanzjarja u tad-dejn sovrani bdiet fil-Ħarifa 2008 u marret għall-aġar fl-2011, u dan irriżulta f' reċessjoni fl-ekonomija tal-Unjoni Ewropea;
- D. billi l-Kummissjoni rrispondiet għall-kriżi billi, fost miżuri oħrajn, adottat regoli speċjali dwar l-Għajnuna mill-Istat u wżat il-politika tal-kompetizzjoni bħala għodda għall-ġestjoni tal-kriżi; billi din kienet, u għadha, maħsuba li tkun skema temporanja;
- E. billi l-politika tal-kompetizzjoni hija essenzjali biex twieġeb għall-kriżi u tappoġġa l-istrateġija Ewropa 2020 u s-suq uniku, kif ukoll biex timxi lejn unjoni bankarja, unjoni ekonomika u monetarja ġenwina u integrazzjoni u konverġenza aktar profondi;
- F. billi l-protezzjoniżmu jasal biss biex japprofondixxi u jtaqwal il-kriżi u huwa essenzjali li jkun hemm infurzar strett tar-regoli tal-kompetizzjoni biex l-ekonomija Ewropea terġa' taqbad it-triq it-tajba;
- G. billi r-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni għandu jservi bħala strument biex titjeb il-kompetittività ġenerali tal-Unjoni, tiġi estiża l-kompetizzjoni u tinfetaħ għal atturi ġodda, u b'hekk jitwessa' u jkun approfondit is-suq intern, u għalhekk m'għandux ikun relatat esklussivament mal-implimentazzjoni Prattika tal-politika tal-kompetizzjoni mill-Kummissjoni;
- H. billi l-kompetizzjoni ma toperax b'mod sodisfaċenti b'mod ugwali fl-Istati Membri kollha;
- I. billi s-setturi li fihom il-livell ta' kompetizzjoni jkun inferjuri huma spiss daww fejn ikun hemm prestazzjoni aktar dgħajfa f'termini ta' output ekonomiku;

Kummenti ġenerali

1. Jieħu nota tar-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2011, u jilqa' l-fatt li l-istruttura tematika l-ġdida tindirizza t-temi mqajma mill-Parlament u tippermetti l-identifikazzjoni ċara tal-prijoritajiet, l-oġettivi u l-azzjoni li jittieħdu;
2. Jenfasizza li politika tal-kompetizzjoni hija punt ewlieni tal-ekonomija tas-suq soċjali Ewropew; jenfasizza l-importanza tat-tisħiħ tal-antitrust, l-għajnuna mill-Istat u l-miżuri ta' kontroll tal-amalgamazzjonijiet biex tiġi żgurata l-effikaċja ekonomika, suq intern li jaħdem sew u progress soċjali; jenfasizza wkoll li aċċess aħjar għall-SMEs u għat-tielet settur u l-parteċipazzjoni relatata fis-suq intern jitlobu politika ta' kompetizzjoni attiva li tneħħi l-ostakli eżistenti;
3. Jitlob għall-konsistenza bejn il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE u l-politiki l-oħra kollha tal-UE, inkluż ir-regolazzjoni settorjali sabiex jiġi żgurata li s-suq intern tal-prodotti u s-servizzi jiffunzjona tajjeb għaċ-ċittadini, l-ambjent u n-negozji;
4. Jistieden lill-Kummissjoni biex b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, twettaq eżami dettaljati tad-distorsjonijiet fil-funzjonament tal-kompetizzjoni u l-impatt ekonomiku tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika l-iżbilanċi possibbli bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam, kif ukoll il-kawżi tagħhom;

5. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni f'sens usa' m'għandhiex timmira li ssaħħa il-kumpanji diġà stabbiliti jew il-fornituri ta' oġġetti u servizzi, iżda għandha, minflok, ikollha bħala l-għan ewlieni tagħha l-iffaċilitar tad-dħul ta' atturi ġodda u l-ħolqien ta' ideat u tekniki ġodda, biex b'hekk jiġu mmassimizzati l-benefiċċji għaċ-ċittadini tal-Unjoni;
6. Jinnota li l-estensjoni tar-reġim tal-għajnuna straordinajra mill-Istat kienet deċiżjoni imposta miċ-ċirkostanzi u li din ikkontribwixxiet biex tipprevjeni aktar instabbiltà finanzjarja u ekonomika, tevita l-protezzjoniżmu u tipprovdni mekkaniżmu għar-ristrutturar tal-banek u għar-riżoluzzjoni tal-kriżi, filwaqt li dawn kollha huma partikolarment utli għall-pajjiżi tal-programm li qed jiffaċċjaw problemi serji;
7. Huwa mħasseb, madankollu, dwar il-fatt li filwaqt li r-reġim tal-għajnuna mill-Istat għall-kriżijiet kien maħsub biex ikun soluzzjoni temporanja, jidher li ma tantx huwa temporanju; jinnota li fit-tielet rapport konsekuttiv ta' kull sena, il-Parlament enfasizza l-ħtieġa li dawn il-miżuri temporanji jitwaqqfu malajr kemm jista' jkun; jiddispijaċih, madankollu, dwar il-fatt li f'xi każijiet l-approċċ ma rnexxiex u jinsisti li għandhom jittieħdu tagħlimiet minn interventi preċedenti, u jiġu adottati Prattiki skont dan;
8. Isostni li l-banek li jirċievu għajnuna mill-Istat għandhom jiffokaw il-mudell kummerċjali tagħhom fuq il-parti vijabbli tal-attivitajiet tagħhom, itejbu l-aċċess għas-self għall-familji u l-impriżi, jistabbilixxu limitu massimu għar-rinumerazzjoni u jnaqqsu l-impatt fuq kompetituri li ma jirċievux għajnuna u fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jħallu t-taxxa; jinnota, f'dan ir-rigward, li hemm il-ħtieġa li jitqiesu l-proposti tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar ir-riforma tal-istruttura tas-sistema bankarja tal-UE;
9. Jenfasizza li l-konsolidazzjoni li għaddejja fis-settur bankarju fil-fatt żiedet is-sehem fis-suq ta' diversi istituzzjonijiet finanzjarji kbar u, għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib is-settur sabiex issaħħa il-kompetizzjoni fis-swieq bankarji Ewropej,
10. Ifakkar fid-Dikjarazzjoni tas-Samit taż-Żona tal-Euro tad-29 ta' Ġunju 2012; jaqbel li huwa imperattiv li jtkisser iċ-ċirku vizzjuż li hemm bejn il-banek u d-dejn sovrani u li jiġu żviluppati l-impenji tagħhom b'mod urġenti;
11. Jitlob lill-Kummissjoni tinforza strettament ir-regoli tal-kontroll tal-antitrust u tal-amalgamazzjonijiet sabiex tikseb swieq finanzjarji rregolati aħjar, trasparenti, miftuħa u ġusti; japprezza l-investigazzjonijiet fis-suq tad-derivattivi OTC, partikolarment fir-rigward ta' swaps tal-inadempjenza tal-kreditu (CDS), id-data u s-servizzi kummerċjali, is-servizzi ta' pagamenti u d-distribuzzjoni ta' informazzjoni finanzjarja lis-swieq;
12. Jitlob lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea jaħdmu f'kooperazzjoni ma' ġurisdizzjonijiet oħra u jissorveljaw l-imġiba u l-impatt fuq is-suq ta' atturi finanzjarji kbar u l-oligopolji bħall-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu (CRAs), flimkien mal-episodji tal-volatilità tal-prezzijiet relatati ma' swieq finanzjarji, u biex jagħtu l-ogħla prijorità lill-investigazzjoni tal-allegat immanuvrar tal-klassifikazzjoni tal-LIBOR, EURIBOR u TIBOR;
13. Jemmen li l-kwistjonijiet imsemmija qabel għandhom jiġu investigati b'mod sħiħ, anki biex ikun iddeterminat jekk intużawx l-istrumenti kollha tal-UE biex jipprevjenu li dawn

iseħħu; jistieden lill-Kummissjoni, minbarra dan, tinvestiga l-impatt ta' tali distorsjonijiet fuq l-iżvilupp tal-prezzijiet f' setturi bħal kreditu ipotekarju;

L-appoġġ għat-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi u l-kompetittività

14. Jirrikonoxxi li l-politika tal-kompetizzjoni hija għodda essenzjali għat-tkomplija tal-iżvilupp u ż-żamma tas-suq uniku u mutur prinċipali tal-produttività, l-effiċjenza u l-kompetittività globali u li din għandha rwol prinċipali biex tappoġġa s-swieq ġusti u miftuħa, finanzi pubbliċi sodi, u l-oġġettivi tal-Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv;
15. Jenfasizza li sabiex jissaħħaħ is-suq uniku, ikun hemm ritorn għat-tkabbir ekonomiku, sabiex is-suq Ewropew isir attraenti fuq livell globali, kif ukoll il-kisba tal-Aġenda Diġitali u l-inkoraġġiment tar-riċerka u l-innovazzjoni, kollha jeħtieġu kompetizzjoni qawwija, pluralità b'saħħitha ta' entitajiet ekonomiċi u politika industrijali proattiva; jinnota li l-istrumenti kollha tal-kontroll tal-antitrust, tal-ġhajjnuna mill-Istat u tal-amalgamazzjonijiet huma essenzjali biex jittjiebu r-regolamenti tas-suq, jinkuraġġixxu t-trasparenza u biex jibnu l-ekonomija mill-ġdid;
16. Jistenna li l-Kummissjoni tinforza l-politika ta' kompetizzjoni b' mod effikaċi u tippromwovi teknoloġiji u riżorsi li jirrispettaw l-ambjent; jemmen li l-linji gwida l-ġodda tal-ETS għandhom jikkontribwixxu biex jipprevjenu r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, jippreservaw is-sinjali tal-prezzijiet u jnaqqsu d-distorsjonijiet; jikkunsidra li l-prezz tal-ETS li fil-preżent huwa baxx ma tantx jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' teknoloġiji favur il-klima u qed idewwem it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;
17. Isostni l-fehma tiegħu li l-azzjonijiet pubbliċi adottati biex jipprovdu appoġġ lill-vittmi ta' frodi estiż u ta' Prattiki finanzjarji illegali bil-għan uniku li jiġu evitati danni ulterjuri u jerġgħu jiġu stabbiliti d-drittijiet tagħhom ma għandhomx jittqiesu bħala ġhajjnuna mill-Istat.

Is-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SCEIs)

18. Jinnota li ċ-ċittadini Ewropej iridu provvista tas-servizzi pubbliċi meħtieġa u importanti li jkunu ta' kwalità għolja, mifruxa f'żona wiesgħa u affordabbli, filwaqt li jkun hemm żieda fil-kompetizzjoni u jiġu promossi kundizzjonijiet aktar ekwi bejn il-fornituri ta' dawn is-servizzi, kemm jekk ikunu pubbliċi jew privati; jenfasizza li, għal dan il-għan, huwa kruċjali li titħares il-kompetizzjoni bejn l-fornituri differenti; jenfasizza li f'dan ir-rigward il-pakkett riċenti tal-SGEI jista' jwassal għal qafas aktar sempliċi, ċar u flessibbli; jenfasizza r-responsabbiltà tal-Kummissjoni, skont ir-regoli tal-kompetizzjoni tat-TFUE, li tiżgura li l-kumpens mogħti lis-SGEIs ikun kompatibbli mar-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat tal-UE sabiex jiġi evitat li jkunu imposti servizzi li jkollhom kwalità baxxa iżda spejjeż għoljin fuq il-pubbliku; jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tal-eżenzjoni ta' wisq servizzi mill-iskrutinju tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni;
19. Jitlob lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-UE jissorveljaw is-swieq tas-servizzi farmaċewtiċi, is-servizzi tas-saħħa u dawk tal-assigurazzjoni (partikolarment għas-swieq tal-mediċini ġeneriċi u tal-mediċini innovattivi), filwaqt li jidentifikaw l-użu

potenzjalment ħażin tad-drittijiet tal-privattivi u l-imġiba diskriminatorja; jinnota li għalkemm l-organizzazzjoni tas-settur tal-kura tas-saħħa u l-ħarsien soċjali primarjament jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, dawn is-servizzi għandhom ikunu suġġetti għal kontroll sabiex ikunu ppreservati l-finanzi pubbliċi u jitħarsu l-liġi tal-kompetizzjoni u d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE;

It-titjib tal-benessri tal-konsumaturi: żviluppi settorjali

20. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li minn nofs l-2007, il-prezzijiet tal-ikel żdiedu b'mod sinifikanti, b'volatilità għolja fil-prezzijiet tal-produtturi, u jfakkar li l-prezzijiet tal-ikel għall-konsumaturi jikkontribwixxu sew għall-inflazzjoni ġenerali; jenfasizza li l-qafas il-ġdid tan-negozjar kollettiv fil-katina tal-valur għandu jiġi akkumpanjat mill-operazzjoni favur il-kompetizzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u minn pjattaforma għas-sorveljanza tal-prezzijiet tal-ikel; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, sabiex jifflu sew l-kompetizzjoni fis-settur agroindustrijali f'termini ta' appoġġ, trasparenza u evoluzzjoni tal-prezz tal-konsumatur fil-livelli kollha tal-katina tal-valur; ifakkar li l-benefiċċji għall-konsumaturi li jistgħu jinkisbu fis-settur tal-ikel jistgħu jiġu multiplikati billi jitwettqu riformi kompetittivi simili fis-setturi l-oħrajn kollha tal-ekonomija;
21. Jenfasizza li s-servizzi ta' interess ekonomiku (SGEIs) kif ukoll ta' interess soċjali (SGSIs) jirrappreżentaw sehem sinifikanti mill-provvista tas-servizz totali fl-Istati Membri, u dan jimplika li jista' jiġu akkumulati vantaġġi notevoli billi l-SGEIs u l-SGSIs isiru aktar effiċjenti; jenfasizza li minn din il-perspettiva huwa essenzjali li jiġi żgurat li r-regoli li jirregolaw l-SGEIs u l-SGSIs jagħtu prijorità lill-ħarsien tal-konsumaturi;
22. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandha l-ispekulazzjoni fuq is-swieq tal-ikel billi tikkawża l-volatilità tal-prezzijiet; jistieden lill-Kummissjoni teżamina din il-kwistjoni dwar ir-Rapport dwar il-Politika ta' Kompetizzjoni 2012 u tiegħu inizjattivi sabiex tiġi indirizzata l-ispekulazzjoni fis-swieq tal-ikel;
23. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħares aktar mill-qrib lejn ir-rwol ta' benefiċċju tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-kooperattivi fiż-żieda tal-benessri u s-setgħa ta' negozjar tal-bdiewa ż-żgħar fir-rigward tal-industrija ta' prodotti ta' livell għoli;
24. Jistenna b'ħerqa r-rapport tan-Network Ewropea għall-Kompetizzjoni (ECN) rigward dan is-suġġett; jieħu nota tal-fatt li ċ-ċereali u l-prodotti tal-ħalib huma l-aktar setturi investigati fil-każijiet tal-antitrust u jinkoraġġixxi l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (NCAs) biex iżidu l-inizzjattivi tagħhom f'dan il-qasam; jistieden lill-Kummissjoni teżamina s-settur taz-zokkor Ewropew, fejn fl-2011 u l-2012 kien hemm inflazzjoni tal-prezzijiet partikolarment għolja;
25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni għal darb'oħra biex issegwi l-implimentazzjoni sħiħa tal-pakkett tas-suq intern tal-enerġija; iħeġġiġha sabiex, billi għadu ma nkisibx b'mod sħiħ suq intern uniku u kompetittiv tal-enerġija, timmoniterja attivament il-kompetizzjoni fis-swieq tal-enerġija, l-aktar kull meta l-privatizzazzjoni tal-utilitajiet pubbliċi tibda' minn sistema ta' swieq monopolistiċi jew oligopolistiċi privati;
26. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina bir-reqqa l-iżviluppi fis-suq tal-UE tas-servizzi tal-

ġarr tal-merkanzija bl-ajru u s-servizzi f'ħin reali; jinnota li l-Istati Uniti topera forma ta' duwopolju fis-suq tal-kunsinni rapidi u fil-prattika eskcludiet is-suq għall-kompetituri Ewropej għal dawn l-aħħar 10 snin; jikkonkludi li aktar amalgamazżjonijiet fis-settur iħallu biss kumpanija Ewropea ewlenija waħda ta' kunsinna rapida u loġistika biex tikkompeti, u li l-kompetizzjoniji tal-prezzijiet fis-suq intern tista' tkun affettwata b'mod sinifikanti bi żvantaġġ għall-konsumaturi;

27. Jenfasizza li ma jeżistu l-ebda kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji Ewropej fis-suq tal-avjazzjoni Amerikan u li jeżisti żbilanċ evidenti fis-suq tal-avjazzjoni UE/Stati Uniti anki llum peress li l-linji tal-ajru tal-merkanzija Ewropej ma għandhomx aċċess għas-suq domestiku Amerikan u jitħabtu biex jikkompetu taħt kundizzjonijiet mhux favorevoli; jenfasizza li dan l-aċċess tas-suq inugwali jgħawweġ il-kompetizzjoni u finalment jolqot l-industrija tal-loġistika Ewropea u l-klijenti tagħha;

Il-promozżjoni tal-leġittimità u l-effikaċja tal-politika tal-kompetizzjoni

28. Jappoġġa r-rwol attiv tal-Parlament fit-tfassil tal-politika tal-kompetizzjoni, inklużi s-setgħat koleġiżlattivi; jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha tkun responsabbli bis-sħiħ u għandha ssegwi r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament; għandu l-għan li jsaħħaħ id-djalogu strutturat kontinwu;

29. Jitlob lill-Kummissjoni tkompli taġixxi imparzjalment u oġġettivament u tkun miftuħa għat-titjib fil-proċeduri tal-kompetizzjoni; jiddefendi d-drittijiet proċedurali, inkluż id-dritt tal-impriżi li jkollhom aċċess għall-fajl tal-Kummissjoni qabel is-seduta ta' smiġh;

30. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli tippromwovi kultura ta' kompetizzjoni ġusta billi tidentifika l-prinċipji ġenerali u tappoġġja l-azzjonijiet tal-kumpaniji f'dan il-qasam, b'mod partikolari billi turi interess akbar u attitudni aktar pożittiva lejn il-konformità, peress li dan ikollu effett preventiv deċiżiv li huwa fl-interess pubbliku;

31. Jitlob lill-Kummissjoni tqis l-użu ta' Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim u tippreżenta l-proposta li jmissha ilha li tressqet, fl-ambitu tal-proċedura leġislattiva ordinarja, li tiffaċilita l-azzjonijiet privati individwali u kollettivi għad-dannu li jsufri l-kumpaniji u l-konsumaturi bħala riżultat ta' ksur tal-liġi tal-antitrust tal-Unjoni Ewropea; jemmen li tali proposta għandha tippromwovi l-kompetizzjoni filwaqt li ma tinkoraġġix it-tilwim bla mertu, tkopri danni minuri u mifruxa, u tiżgura konformità sħiħa mar-regoli tat-trasparenza tal-UE, u li kwalunkwe eżenzjoni f'dan il-kuntest tal-proċeduri ta' klemenza tkun ġustifikata b'mod xieraq u speċifiku, u tiżgura l-koerenza sħiħa mal-infurzar pubbliku;

32. Jirreferi għal darb'oħra għar-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu tat-2 ta' Frar 2012 dwar ir-Rapport Annwali fuq il-Politika ta' Kompetizzjoni tal-UE u l-idea ta' proposta possibbli tal-Kummissjoni dwar rimedju kollettiv;

33. Hu favur il-kooperazzjoni fi ħdan in-Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni (ECN) u mal-qrati nazzjonali bil-għan li tiġi żgurata l-effikaċja u l-koerenza tal-politiki tal-kompetizzjoni fl-UE kollha; jappoġġja l-qsim effettiv tar-responsabbiltà bejn il-membri tal-ECN, peress li xi swieq għandhom tendenza li jkollhom dimensjonijiet aktar nazzjonali minn oħrajn, minħabba l-kundizzjonijiet legali, ekonomiċi u kulturali differenti; jistieden

lill-Kummissjoni tippromwovi l-ftehimiet ta' konverġenza u l-kooperazzjoni mal-ġurisdizzjonijiet oħra, inkluż id-dispożizzjonijiet għall-iskambju tal-informazzjoni waqt l-investigazzjonijiet, fl-ambitu ta' kundizzjonijiet xierqa.

34. Huwa konxju tal-piż ta' xogħol kbir u dejjem jiżdied tal-Kummissjoni fil-qasam tal-infurzar tal-kompetizzjoni u jtenni, għalhekk, li l-Kummissjoni teħtieġ aktar riżorsi, speċjalment permezz tal-allokazzjoni tar-riżorsi eżistenti, sabiex tkun aktar proattiva u aktar effikaċi biex tindirizza dan;
35. Jistieden lill-Kummissjoni trawwem kultura ta' kompetizzjoni, kemm fl-Unjoni Ewropea u wkoll internazzjonalment;

Politika dwar il-Multi

36. Jirrakkomanda li għandha tintuża l-proċedura ta' saldu u, fejn ikun xieraq, ħlasijiet dissważivi u proporzjonati, filwaqt li jiġu evitati l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi fejn imprints taħt stress jiġu esklużi mis-suq;
37. Jinnota li l-ħlasijiet m'għandhomx jipprevjenu l-kumpaniji milli jżommu d-diriġenti u l-persunal tagħhom responsabbli internament jew, fejn ikun xieraq, l-Istati Membri milli jindirizzaw il-kwistjonijiet tar-responsabbiltà kriminali; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra u tirraporta dawn l-aspetti;
38. Jinsab imħasseb dwar l-użu ta' multi ogħla minħabba li l-uniku strument jista' jkun limitat wisq, b'mod speċjali b'ħarsa lejn it-telf possibbli tal-impjiegi bħala riżultat li dawn ma jkunux jistgħu jifhallsu, u jitlob li jkun hemm żvilupp għal firxa usa' ta' strumenti aktar sofistikati, li jinkludu kwistjonijiet bħal responsabilità individwali, it-trasparenza u r-responsabilità tan-negozji, proċeduri aktar qosra, id-dritt ta' difiża u proċess xieraq, mekkaniżmi biex tiġi żgurata operazzjoni effikaċi tal-applikazzjonijiet għall-klemenza (b'mod partikulari biex tingħeleb l-interferenza kkawżata minn proċessi ta' "discovery" fl-Istati Uniti), programmi ta' konformità tal-kumpaniji u l-iżvilupp tal-istandards Ewropej; jippreferi l-approċċ "tal-inċentiv u l-kastig", b'piani li jservu bħala deterrent effikaċi filwaqt li jħeġġeġ il-konformità;
39. Jinnota għal darb' oħra li l-metodu għall-kalkolu tal-multi jinsab fi strument mhux leġiżlattiv - il-Linji Gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi 2006 - u jħeġġeġ għal darb' oħra lill-Kummissjoni biex tinkorpora bażi dettaljata għall-kalkolu tal-multi, abbażi tal-prinċipju tal-legalità, fir-Regolament (KE) Nru 1/2003, flimkien mal-prinċipji l-ġodda dwar il-multi;
40. Itenni s-sejħa tiegħu għal rieżami ġenerali tal-linji gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu s-sitt snin ta' esperjenza Prattika; jemmen li dan ir-rieżami għandu jeżamina r-rwol tal-programmi ta' konformità, jispeċifika l-kundizzjonijiet li skonthom il-kumpaniji prinċipali li jeżerċitaw influwenza deċiżiva fuq kumpanija sussidjarja għandhom ikunu reponsabbli insolidum għall-ksur dwar l-antitrust min-naħa tal-kumpaniji sussidjarji tagħhom u jikkunsidra l-kwistjonijiet tal-klemenza, ir-reċidiva, il-limitu massimu tal-introjt u l-interazzjoni bejn l-obbligazzjonijiet pubbliċi u privati;

41. Itenni li n-numru ta' talbiet għal tnaqqis ta' multi minħabba inabilità ta' ħlas żdied, partikolarment minn impriżi ta' monoprodotti u SMEs; jafferma mill-ġdid li sistema ta' pagamenti mdewma u/jew maqsuma tista' titqies bħala alternattiva għat-tnaqqis fil-multa sabiex jiġi evitat li jkun hemm negozji li jfallu;
42. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni qieset il-ħtiġijiet speċifiċi tal-impriżi li jipproduċu 'prodott wieħed' fid-deċiżjoni tagħha (COMP/39452 tat-28/03/2012);

Kunsiderazzjonijiet speċifiċi għas-settur

43. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jagħmlu l-progress lejn it-tlestija tas-suq uniku tat-trasport, filwaqt li jiżguraw kompetizzjoni miftuħa u ġusta fis-setturi tat-trasport, tal-posta u t-turiżmu, filwaqt li jiġu rispettati l-oġġettivi ta' politiki l-oħrajn tal-Unjoni, bħal servizzi ta' trasport u ta' mobilità li jiffunzjonaw tajjeb, l-oġġettivi ta' politika fl-oqsma tas-servizzi pubbliċi, standards soċjali, is-sikurezza u l-ħarsien tal-ambjent u l-miri tal-UE dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ u d-dipendenza fuq iż-żejt; jilqa' t-tħabbir tal-Att dwar is-Suq Uniku II immirat sabiex finalment jiġi stabbilit l-Ajru Uniku Ewropew u t-tkomplija tal-ftuħ tas-suq tal-ferroviji u l-istabbiliment ta' żona ferrovjarja unika Ewropea;
44. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tkompli ssaħħaħ ir-rabtiet bejn il-politika tal-kompetizzjoni u l-politika tat-trasport sabiex ittejjeb il-kompetittività tas-settur Ewropew tat-trasport;
45. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkun aktar proattiva fil-promozzjoni tal-konverġenza tar-regoli tal-kompetizzjoni f'negozjati internazzjonali, biex tiżgura ambjent ekwu bejn l-UE u pajjiżi terzi fis-settur tat-trasport;
46. Jenfasizza l-importanza ta' żvilupp uniformi ta' żona Ewropea tat-trasport u t-tneħħija tad-diskrepanzi fl-iżvilupp bejn l-infrastrutturi u s-sistemi tat-trasport tal-Istati Membri sabiex ġenwinament jinkiseb suq uniku Ewropew u tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta fil-qasam tat-trasport;
47. Jenfasizza l-impatt li għandhom id-differenzi fiskali fuq il-kompetizzjoni bejn il-modi ta' trasport differenti u fuq it-trasport intermodali, u jitlob lill-Kummissjoni ttiprovdi deskrizzjoni ġenerali tat-taxxi u tas-sistemi differenti tal-VAT għad-diversi modi ta' trasport;
48. Jenfasizza li sabiex ikun hemm kompetizzjoni ħielsa u ġusta fil-livell Ewropew, għandhom jitneħħew l-ostakoli fiżiċi, tekniċi u regulatorji bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' networks interoperabbli u effikaċi trans-Ewropej;
49. Jilqa', bħala prinċipju, l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fil-metodi kollha tat-trasport, iżda jenfasizza li kull metodu ta' trasport hu intrinsikament differenti u li kwalunkwe proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li tiggarrantixxi d-drittijiet eżistenti għall-passiġġieri, għandha wkoll tiżgura approċċ proporzjonali u flessibbli li jirrikonoxxi d-differenzi bejn il-modi differenti;
50. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet rilevanti, fid-dawl tal-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar it-

Trasport bl-Ajru, jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom filwaqt li jaħdmu biex jiżviluppaw approċċi regolatorji kompatibbli għall-kwistjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-alleanzi tal-linji tal-ajru u biex ifittxu attivament modi biex iħeġġu lill-alleanzi l-kbar jikkompetu b'mod iktar vigoruż fis-suq transatlantiku;

51. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħaffu l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-Ajru Uniku Ewropew bil-għan li l-ipprezzar ta' servizzi jsir aktar trasparenti, biex b'hekk ikun iffaċilitat il-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni u tkun immassimizzata l-kompetittività u s-sikurezza tal-hub Ewropew, u biex ikomplu l-ħidma tagħhom favur il-promozzjoni tal-kompetittività fl-ajruporti Ewropej għall-benefiċċju kemm tal-ekonomija kif ukoll tal-passiġġieri;
52. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti deskrizzjoni ġenerali, ġustifikata permezz tal-evidenza, tal-każijiet li fihom il-linji tal-ajru għandhom vantaġġ fir-rigward ta' fornituri oħra tas-servizzi permezz ta' kundizzjonijiet speċjali jew, kif allegat, jabbużaw mill-pożizzjoni dominanti tagħhom f'ċerti ajruporti, partikolarment permezz tal-impożizzjoni ta' regola ta' bagalja waħda u restrizzjonijiet oħra dwar x'inhu permess fil-bagalji li jittellgħu fil-kabini;
53. Iqis li l-attivitajiet kummerċjali huma sors kbir ta' dħul għall-ajruporti u dawn it-tipi ta' Prattiki aggressivi jistgħu jikkostitwixxu abbuż mill-pożizzjoni dominanti tat-trasportatur;
54. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-kummerċ, l-użu u l-allokazzjoni ta' slots fl-ajruporti Ewropej sabiex tiżgura l-kompetizzjoni ġusta kif ukoll il-protezzjoni tal-konnettività reġjonali fl-Ewropa kollha;
55. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-miżuri li jolqtu lill-operaturi tal-ajru low-cost, sabiex tiżgura li dawn il-miżuri ma jkunux strumenti ta' kompetizzjoni mhux ġusta;
56. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fl-indirizzar tar-rieżami tal-linji gwida tal-avjazzjoni u tal-ajruporti tal-UE dwar l-għajnuna mill-istat, tiżgura li ma jkun hemm ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni u tistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi tal-kompetizzjoni għall-parteċipanti tas-suq kollha;
57. Jinnota l-progress limitat li twettaq fil-liberalizzazzjoni tas-settur ferrovjarju Ewropew, u li din is-sitwazzjoni tpoġġi lill-ferroviji fi żvantaġġ fir-rigward ta' mezzi oħrajn ta' trasport, speċjalment b'kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-kompetittività tas-settur fl-Ewropa kollha;
58. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonkludi l-implimentazzjoni taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea billi tiżgura li jkun hemm il-kundizzjonijiet xierqa għall-ftuħ tas-settur għal kompetizzjoni ħielsa u ġusta, inklużi miżuri li jiffaċilitaw li kumpaniji ferrovjarji effiċjenti u innovattivi jitħallew joperaw mingħajr restrizzjonijiet, ikun hemm separazzjoni ċara bejn is-sjieda tal-infrastruttura u l-operaturi ferrovjarji, korpi regolatorji nazzjonali b'saħħithom u l-armonizzazzjoni tal-provisti li jirregolaw il-persunal; jistieden lill-Kummissjoni tqis l-metodi operattivi differenti tal-kumpaniji ferrovjarji nazzjonali fit-tnejn għall-ftuħ tas-suq ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri u tagħmel proposti speċifiċi sabiex ittemm ir-restrizzjonijiet indiretti fuq il-kompetizzjoni li jirriżultaw minn dispożizzjonijiet inkonsistenti dwar is-sigurtà, l-interoperabilità u l-awtorizzazzjoni;

59. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarrantixxu l-ftuħ tas-settur tat-trasport ferrovjarju għal kompetizzjoni ġusta, kif ukoll l-iżgurar ta' kwalità aħjar tas-servizzi, mingħajr ma jiġu pperikolati l-provvisti tas-servizz pubbliku;
60. Jenfasizza li l-ftuħ ulterjuri tas-suq tat-trasport ta' passiġġieri bit-triq fl-UE jista' jkun aċċettabbli biss jekk ikun iggarantit ambjent ekwu bejn l-impriżi tat-trasport u meta tkun salvagwardjata l-protezzjoni tal-leġiżlazzjoni soċjali u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-ħaddiema mobbli fl-Istati Membri kollha.
61. Jenfasizza l-ħtieġa li tkun evitata l-kompetizzjoni inġusta fis-settur tat-trasport liberalizzat bit-triq billi jkun hemm garanziji tal-applikazzjoni xierqa tar-regoli soċjali, ta' sikurezza u ambjentali u tingħata attenzjoni speċjali lill-ftuħ ta' dan is-suq għall-kabotaġġ u għall-prattiki ta' dumping;
62. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal miżuri speċifiċi b'kooperazzjoni mal-Istati Membri sabiex telimina d-differenzi konsiderevoli li jeżistu bejn l-Istati Membri f'termini ta' pieni għal ksur serju tal-liġi tal-Komunità fit-trasport bit-triq u b'hekk ittemm dan it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni;
63. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw it-tielet Direttiva Postali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina mill-qrib u tirraporta l-konsegwenzi soċjali tal-liberalizzazzjoni tas-suq postali u tal-obbligu ta' servizz universali f'dan il-qasam, inkluż il-finanzjament tas-servizz universali;
64. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex wara li tikkunsidra t-Trattat ta' Lisbona, il-kompetenzi konsolidati l-ġodda u l-potenzjal ekonomiku tat-turiżmu għall-UE, tiffaċilita l-kooperazzjoni proattiva bejn l-impriżi tat-turiżmu u tiegħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura l-kompetittività dinjija tad-destinazzjonijiet ta' eċċellenza tat-turiżmu tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tħaffef il-proċeduri tal-proposta leġiżlattiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar sabiex tiżgura kompetizzjoni adegwata u tiggarrantixxi suq ħieles ċar fis-settur Ewropew tat-turiżmu;
65. Huwa tal-fehma li l-infurzar tal-liġi dwar l-għajjnuna mill-Istat għandu jkollu bħala fini l-kisba tal-oġġettivi stabbiliti fl-Istrateġija UE 2020, b'mod partikolari billi jippermetti investimenti fl-ekonomija reali u jiffavorixxi konċentrazzjoni akbar ta' riżorsi fuq ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli;
66. Jinnota li s-suq Ewropew tal-pagamenti elettroniċi għadu frammentat, kemm ġewwa u kemm barra mill-fruntieri nazzjonali; jinkoraġġixxi l-miżuri u l-infurzar neċessarji biex ikun żgurat suq uniku tal-pagamenti aktar miftuħ, trasparenti, innovattiv u kompetittiv b'mod li jġib vantaġġi u għażla għall-konsumaturi kollha fir-rigward tal-pagamenti mobbli, l-interoperabilità, l-ispejjeż u l-portabilità; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-modi possibbli kif jinġabu impriżi ġodda fis-suq Ewropew għall-pagamenti bil-kards, bl-internet u bil-mowbajl filwaqt li jiġu protetti l-innovazzjonijiet teknoloġiċi futuri f'dan is-settur; huwa tal-fehma li jinħtieġ tisħiħ tal-viġilanza fuq it-tariffi multilaterali tal-interkambju u jilqa' l-proposti li jinsabu fl-Att dwar is-Suq Uniku II għal reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament u għal inizjattiva leġiżlattiva dwar it-tariffi bankarji multilaterali;

67. Japprova l-intenzjoni tal-Kummissjoni li żżomm l-attenzjoni fuq it-trasparenza tas-swieq finanzjarji imma huwa tal-fehma li jinħtieġ sforz addizzjonali biex tkun żgurata informazzjoni fil-ħin, affidabbli u ta' kwalità għolja l-aktar għas-swieq tad-derivattivi;
68. Jemmen li l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji għandha ssir f'qafas li jiżgura rispettt effettiv tad-drittijiet tal-konsumaturi u li sistema ta' rikors kollettiv u oħra ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim jkunu għodod indispensabbli għal dan l-iskop;
69. Jirrimarka li hija prassi tal-Kummissjoni li tivvaluta biss l-abbuż tal-pożizzjoni ta' kumpanija fis-suq; jemmen li f'xi swieq din mhijiex biżżejjed biex tipprevjeni r-riskju ta' cartels; jitlob lill-Kummissjoni teżamina kif tivvaluta il-mod kif ikun minimizzat il-periklu ta' cartels u tkun massimata l-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tressaq linji gwida ċari u trasparenti għall-politika tal-kompetizzjoni li jqisu dawn il-prinċipji;
70. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tibqa' għaddejja bl-implimentazzjoni sħiħa tal-pakkett tas-suq intern tal-enerġija, peress li fis-settur tal-enerġija għadu ma nkisibx kompletament suq uniku miftuħ u kompetittiv; ihegġegħ lill-Kummissjoni twettaq monitoraġġ attiv tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-enerġija, speċifikament kull meta l-privatizzazzjoni tal-utilitajiet pubbliċi toħloq swieq monopolistiċi jew oligopolistiċi;
71. Jinnota li n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet legali effikaċi għall-kumpens tad-dannu kkawżat mill-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni jopera bi żvantaġġ għall-konsumaturi u li l-multi għal dan il-ksur jitħallsu biss għall-benefiċċju tal-baġits pubbliċi tal-Istati Membri;
72. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura poteri ta' negozjar bilanċjati bejn il-manifatturi u d-distributuri, filwaqt li tenfasizza:
- l-importanza tal-ġlieda kontra l-prattiki diskriminatorji fil-qasam tad-distribuzzjoni onlajn regolati mir-Regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar ir-restrizzjonijiet vertikali (Regolament tal-Kummissjoni 330/2010) għas-salvagwardja tal-kapaċità tad-distributuri li jużaw metodi innovattivi ta' distribuzzjoni, bħalma huma l-pjattaformi onlajn, u li jilħqu għadd u varjetà akbar ta' konsumaturi;
 - l-importanza tan-negozjaturi fis-swieq għall-bejgħ ta' vetturi ġodda bil-mutur wara li jiskadi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2002 fil-31 ta' Mejju 2013; jitlob lill-Kummissjoni tinsisti fuq il-bżonn li jiġu żviluppatti prinċipji ta' kondotta tajba bejn il-manifatturi u n-negozjanti fir-rigward tal-ftehimiet vertikali fis-settur tal-vetturi bil-mutur, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni tal-investimenti wara t-terminazzjoni ta' kuntratt u l-possibilità ta' trasferiment ta' negozju lejn membru ieħor tal-istess netwerk, sabiex tkun promossa t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali u kuntrattwali bejn il-partijiet;
73. Jilqa', f'dan il-kuntest, l-isforzi magħmulin mill-partijiet ikkonċernati fil-katina tal-provvista tal-ikel biex jaqblu mal-prinċipji tal-prattika t-tajba fir-relazzjonijiet B2B u fl-implimentazzjoni tal-miżuri f'dak li għandu x'jaqsam mal-kompetizzjoni ħielsa u ġusta; jistieden lill-Kummissjoni żżomm l-impenn tagħha favur il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji, bħalma se jagħmel il-Parlament permezz tar-

Roundtable annwali tiegħu dwar il-bejgħ bl-imnut;

74. Jirrikonoxxi li l-franchising huwa formula tajba biex il-bejgiegħa bl-imnut indipendenti jissopravivu f'ambjent kompetittiv ħafna; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-iżviluppi fir-relazzjonijiet bejn il-franchisers u l-franchisees, tiżgura poteri ta' negozjar bilanċjati bejniethom u jekk ikun adegwat tressaq proposti leġiżlattivi;
75. Huwa tal-fehma li, flimkien mar-relazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kummissjoni għandha wkoll tistruttura aħjar il-kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u li relazzjoni bħal din għandha titqies bħala element importanti għall-monitoraġġ tar-regoli dwar il-kompetizzjoni; għal din ir-raġuni, id-djalogu bejn id-DĠ Kompetizzjoni tal-Kummissjoni u dawn l-organizzazzjonijiet għandu jitħeġġeġ u jiġi intensifikat;
76. Jilqa' l-politika tal-għajjnuna mill-Istat, li kkontribwiet għall-istabilità tas-sistema finanzjarja meta applikata għall-banek; jitlob lill-Kummissjoni twessa' l-valutazzjoni tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern biex tinkludi l-banek pubbliċi tal-investment fit-tul, inkluż il-Bank Ewropew tal-Investment;
77. Jemmen li s-sjeda u l-ġestjoni tal-midja għandhom ikunu trasparenti u ma jkunux ikkonċentrati; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta kif ir-regoli eżistenti tal-kompetizzjoni jirrelataw mal-konċentrazzjoni kulma jmur tikber tal-midja kummerċjali fl-Istati Membri; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tapplika r-regoli dwar il-kompetizzjoni u tintervjeni fejn il-midja hija kkonċentrata wisq u fejn il-pluraliżmu tal-midja huwa fil-periklu; jappella biex ikun hemm regoli li jiżguraw li l-konflitti ta' interess ikunu indirizzati u riżolti b'mod xieraq;
78. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra aħjar il-politika tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-miri ta' impjeg tal-Istrateġija UE 2020, filwaqt li jingħata lok għal appoġġ aħjar għall-SMEs, li huma dawk li jgħolqu l-iktar impjegi;
79. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel referenza speċifika għall-impatt tal-politika tal-kompetizzjoni fuq l-impjegi u l-affarijiet soċjali f'Rapporti Annwali futuri;
80. Jinnota li l-kompetittività fl-UE għandha tintlaħaq permezz tal-innovazzjoni u l-kontribuzzjoni ta' ħaddiema b'ħiliet ta' livell għoli filwaqt li ma jiddgħajjefx il-livell tal-pagi u/jew tal-pensjonijiet, billi jiġu żgurati standards soċjali għoljin fl-Istati Membri kollha tagħha u permezz tat-tiżiħ tad-domanda lokali; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, jinvestu iktar fl-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u r-riċerka u l-iżvilupp;
81. Jistieden lill-Istati Membri jsegwu politika tas-suq tax-xogħol attiva u integrattiva sabiex isaħħu l-kompetittività tal-ekonomiji fl-Unjoni Ewropea u joffru lil dawk il-persuni li qed ifittxu x-xogħol impjegi ta' kwalità sikuri u sostenibbli;
82. Jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni tal-SGEIs permezz tal-introduzzjoni ta' miżuri għall-integrazzjoni/għar-riintegrazzjoni tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol bħala parti mis-servizzi ta' interess partikolari għaċ-ċittadini;
83. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni minn qabel fir-rigward tal-iżviluppi futuri

rigward il-ħaddiema ta' kumpaniji li jkunu għaddejjin minn ristrutturar u privatizzazzjoni, filwaqt li tfakkar li matul il-proċess ta' privatizzazzjoni l-komponent li jirrigwarda l-impjiegi għandu jibqa' ta' importanza ċentrali kemm għall-gvernijiet nazzjonali kif ukoll għall-Kummissjoni;

84. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tissorvelja l-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna Statali peress li l-effetti konsekwenzjali tal-kriżi għadhom preżenti u jenfasizza l-ħtieġa li jinżammu s-servizzi ta' interess ġenerali fl-Istati Membri;
85. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tirrapporta lill-Parlament Ewropew fuq bażi annwali dwar l-iżviluppi u l-effetti tal-applikazzjoni tal-politika dwar il-kompetizzjoni.

o

o o

86. 24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (NCAs).

NOTA SPJEGATTIVA

Il-politika tal-kompetizzjoni hija parti mill-kodiċi ġenetika tal-UE. Filwaqt li ġew fondati permezz tat-Trattat ta' Ruma, it-tliet strumenti tal-politika tal-kompetizzjoni (antitrust, il-kontroll tal-ghajjnuna mill-istat u tal-amalgamazzjonijiet) jippreservaw kundizzjonijiet indaqs u suq miftuħ u dinamiku. Dan jstimula l-kumpaniji biex jimmiraw għas-suċċess – abbażi tal-prezz, il-kwalità u l-innovazzjoni – fuq mertu tagħhom sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet, il-preferenzi u x-xewqat tal-konsumaturi intermedjarji u finali.

L-ekonomija tas-suq soċjali Ewropew mhijiex konċepibbli mingħajr il-kompetizzjoni. Il-kompetizzjoni tippermetti l-formazzjoni xierqa tal-prezzijiet, l-allokkazzjoni u l-użu effiċjenti tar-riżorsi u l-progress soċjali. Mill-perspettiva strateġika, il-kompetizzjoni hija vitali għas-sopravivenza tal-kumpaniji Ewropej, ekonomija u mudell tas-soċjetà fil-kuntest tal-globalizzazzjoni. Il-kompetizzjoni hija kwistjoni ta' valuri u, għalhekk, iżżid il-valur.

Matul l-2001, it-tensjonijiet ġodda fis-swieq tad-dejn sovrani, t-tħassib dwar is-settur bankarju, l-inċertezza dwar l-ekonomija fil-kuntest ta' prezz għoli taż-żejt u t-tnaqqis fil-potenzjal tat-tkabbir tad-dinja ikkontribwixxew għat-telfa qawwija fil-fiduċja u tnaqqis sussegwenti tal-output lejn l-aħħar tas-sena.

Aħna għaddejjin mill-ħames sena tal-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali. Xi wħud argumentaw li l-politika tal-kompetizzjoni għandha titwarrab f'dawn iż-żminijiet. Il-kompetizzjoni, madankollu, ppruvat li hija strument meħtieġ biex iwieġeb għall-kriżijiet. Hija rażżnet it-tendenzi tal-protezzjoniżmu u tal-frammentazzjoni tas-suq, ipprovdiet qafas ta' linji gwida li kkontribwixxa għall-istabbiltà finanzjarja u r-ristrutturar u inkoraġġiet kompetizzjoni aktar ġusta fi swieq finanzjarji aktar trasparenti. Matul dawn is-snin, il-politika tal-kompetizzjoni kienet l-unika għodda għar-riżoluzzjoni tal-kriżi bankarja fil-livell Ewropew u l-esperjenza akkwistata mill-Kummissjoni għandha tkun utli biex isir progress lejn l-Unjoni Bankarja. Fl-istess ħin, hija għenet l-Istati Membri jakkwistaw effiċjenza massima fl-intervent pubbliku. Il-kompetizzjoni hija importanti dejjem u hija essenzjali fi żminijiet diffiċli.

Il-politika tal-kompetizzjoni hija alleat prinċipali għall-bini mill-ġdid tal-ekonomija. Il-kontroll tal-antitrust, tal-ghajjnuna mill-istat u l-amalgamazzjonijiet kollha għandhom impatt dirett fuq il-muturi tal-produttività u l-kompetittività. Il-kompetizzjoni soda hija meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Hija tiżgura kundizzjonijiet tas-suq għall-inklużjoni finanzjarja, tagħti s-setgħa lill-Istati Membri li jikkoreġu l-fallimenti fis-suq b'mod effiċjenti u tistabbilixxi l-bażi għall-provvista ta' servizzi ta' kwalità għolja ta' interess ekonomiku ġenerali għaċ-ċittadini.

Is-settur tal-ikel kien jirrapreżenta 14% tat-total tal-infiq tad-djar fl-2011. Huwa wieħed mill-aktar eżempji prominenti tal-koperazzjoni fi ħdan l-Awtoritajiet tan-Network għall-Kompetizzjoni (NCAs) għat-titjib tal-benessri tal-konsumaturi. L-informazzjoni dwar ir-rapport li ġej turi li dan is-settur huwa l-aktar investigat f'każijiet ta' antitrust. F'dawn l-aħħar tmien snin, l-awtoritajiet tal-NCAs mexxew 170 każ ta' infurzar ta' antitrust, 1300 każ ta' kontroll ta' amalgamazzjonijiet u madwar 100 azzjoni ta' sorveljanza tas-suq fil-livelli kollha fil-katina tal-provvista. Ir-rapporteur iressaq suġġerimenti sabiex titkompla l-azzjoni f'dan il-qasam.

Sabiex tirnexxi, il-politika ta' kompetizzjoni teħtieġ aktar leġittimità u effikaċja. It-triq 'il quddiem hija li l-Parlament Ewropew jiġi involut fl-iżvilupp tal-politika tal-kompetizzjoni, biex jiżgura d-disponibbiltà ta' riżorsi adegwati għall-Kummissjoni u jżid il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati u tas-soċjetà ċivili. L-ambizzjoni tagħna hija li tissaħħaħ il-kultura tal-kompetizzjoni fil-livell Ewropew u globali.

Wara 55 sena, il-kompetizzjoni mhijiex biss storika, hija wkoll il-bijografija u l-futur.

20.3.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar ir-rapport annwali dwar il-politika tal-kompetizzjoni
(2012/2306(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Traian Ungureanu

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- A. billi, skont l-Artikolu 9 TFUE, il-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjeg u l-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata għandhom jitqiesu fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-UE;
 - B. billi, skont l-Artikolu 147 TFUE, l-oġettiv ta' livell għoli ta' impjeg għandu jiġi kkunsidrat fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni;
 - C. billi l-Artikolu 14 tat-TFUE u l-Protokoll 26 tiegħu jindirizzaw espliċitament is-servizzi ta' interess ġenerali (SGI), li jinkludu s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali (SSGI); billi huwa kkonfermat li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom ir-rwol ewlieni u diskrezzjoni wiesgħa fl-għoti, l-ikkummissjonar, il-finanzjament u l-organizzar ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI), u billi t-Trattati ma jaffettwawx il-kompetenza tal-Istati Membri li jagħtu, jikkummissjonaw, jiffinanzjaw u jorganizzaw servizzi nonekonomiċi ta' interess ġenerali (NESGI);
1. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra aħjar il-politika tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-miri ta' impjeg tal-Istrateġija UE 2020, filwaqt li jingħata lok għal appoġġ aħjar għall-SMEs, li huma dawk li joħolqu l-iktar impjiegi;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi r-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR) fl-SMEs u l-kumpaniji internazzjonali kollha sabiex tiġi żgurata konverġenza soċjali aħjar u kompetizzjoni ġusta;

3. Jiddispjaċih li r-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2011 ma fihx taqsima speċifika dwar l-impatt tal-politika tal-kompetizzjoni fuq l-impjiegi u l-affarijiet soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tirrimedja dan in-nuqqas fir-rapporti futuri;
4. Jinnota li l-kompetittività fl-Unjoni Ewropea għandha tintlaħaq permezz tal-innovazzjoni u l-ħaddiema b'ħiliet ta' livell għoli, mingħajr ma jiddgħajjef il-livell tal-pagi u/jew tal-pensjonijiet, billi jiġi żgurat standard soċjali għoli fl-Istati Membri kollha tagħha u permezz tat-tisħiħ tad-domanda lokali; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jinvestu iktar fl-edukazzjoni, fit-taħriġ vokazzjonali, fir-riċerka u fl-iżvilupp;
5. *Jistieden lill-Istati Membri jsegwu politika tas-suq tax-xogħol attiva u integrattiva sabiex isaħħu l-kompetittività tal-ekonomiji fl-Unjoni Ewropea u jqiegħdu lil dawk il-persuni li qed ifittxu x-xogħol f'impjieg sikur, ta' kwalità u sostenibbli;*
6. Jilqa' l-fatt li l-pakkett ta' għajjnuna mill-Istat dwar l-SGEI minn Diċembru 2011 jestendi l-eżenzjoni tal-obbligu ta' notifika lil hinn mill-isptarijiet u l-akkomodazzjoni soċjali biex ikunu inklużi dawk is-servizzi soċjali li jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali, u b'mod partikolari s-saħħa u l-kura fit-tul, il-kura tat-tfal, l-aċċess għas-suq tax-xogħol u r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-akkomodazzjoni soċjali u l-kura u l-inklużjoni soċjali ta' gruppi vulnerabbli;
7. Jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni tal-SGEI permezz tal-introduzzjoni ta' miżuri għall-integrazzjoni/għar-riintegrazzjoni tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol bħala parti mis-servizzi ta' interess partikolari għaċ-ċittadini;
8. Ifakkar li s-settur tal-akkomodazzjoni soċjali għandu rwol essenzjali għall-inklużjoni soċjali u fil-ħolqien tal-impjiegi; jiddispjaċih għalhekk li l-pakkett tal-għajjnuna mill-Istat dwar l-SGEI ta' Diċembru 2011, jippermetti biss l-eżenzjonijiet għar-regoli dwar l-għajjnuna mill-istat fil-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali għaċ-ċittadini żvantaġġati u għall-gruppi soċjalment inqas vantaġġati; jistieden lill-Kummissjoni tagħti lok sabiex l-Istati Membri jindirizzaw id-diffikultajiet fis-settur tal-akkomodazzjoni soċjali tagħhom li qed jirriżultaw minn din id-definizzjoni u mill-kriżi ekonomika u soċjali attwali;
9. Jistieden lill-Istati Membri jiddefinixxu l-SGEI, filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni ekonomika attwali tal-UE, u jivvalutaw l-oqsma li jistgħu jipprovdu dawk l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għaċ-ċittadini;
10. Jistieden lill-Kummissjoni thegħeġ l-antiċipazzjoni tat-tibdil u l-ġestjoni tar-ristrutturar b'mod soċjali u responsabbli, sabiex jiġu evitati sensji minħabba t-telf ta' kompetittività fl-Istati Membri;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tippermetti derogi temporanji każ b'każ mir-regoli tal-għajjnuna mill-Istat għal ċerti kumpaniji tal-Istat li jagħmlu parti minn setturi strateġiċi nazzjonali sabiex isiru attraenti għall-investituri barranin, filwaqt li jantiċipaw it-tibdil u jiġġestixxu r-ristrutturar b'mod soċjali u responsabbli;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni minn qabel fir-rigward tal-iżviluppi futuri tas-sitwazzjoni tal-ħaddiema ta' kumpaniji li jkunu għaddejjin minn ristrutturar u privatizzazzjoni, peress li matul il-proċess ta' privatizzazzjoni l-komponent li jirrigwarda

l-impjiegi għandu jibqa' ta' importanza ċentrali kemm għall-gvern nazzjonali kif ukoll għall-Kummissjoni;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra wkoll derogi mir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat sabiex tiġi protetta t-tranżizzjoni tan-negozji lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, sabiex l-impjegaturi jkunu appoġġati fit-teħid ta' miżuri għar-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li jafu jsiru vulnerabbli u jistgħu jitkeċċew;
14. Jenfasizza li għandhom jingħataw derogi mir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat għal kumpaniji li jeħtieġ li jinvestu f'attivitajiet ta' R&Ż sabiex jipproċedu għat-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ekoloġika, filwaqt li jitiqesu l-miri tal-Istrateġija UE 2020 ta' impjegabilità u filwaqt li jingħata lok għal appoġġ aħjar għall-SMEs, li huma dawk li joħolqu l-iktar impjiegi;
15. Jenfasizza li l-mira ta' impjegabilità jeħtieġ li tkun iffukata iktar fuq iż-żamma fis-suq tax-xogħol kemm tal-ħaddiema anzjani, ta' iktar minn 55 sena, kif ukoll tal-ħaddiema żgħażaġh; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk id-derogi mir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-kumpaniji li jeħtieġ li jinvestu f'attivitajiet ta' R&Ż sabiex jipproċedu għat-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ekoloġika, għandhomx jingħataw ukoll abbażi tal-kapaċità tal-impjegaturi li jissodisfaw dan il-kriterju;
16. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tissorvelja l-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat peress li l-effetti konsekwenzjali tal-kriżi għadhom preżenti; jenfasizza n-neċessità li jinżammu s-Servizzi ta' Interess Ġenerali fl-Istati Membri;
17. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-ksur potenzjali tal-liġi tal-kompetizzjoni fil-każijiet fejn kumpanija tirrifjuta li tbigħ impjant li jkun jinsab fl-UE u li tkun qed tippjana li tagħlaq;
18. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tirrapporta lill-Parlament Ewropew fuq bażi annwali dwar l-iżviluppi u l-effetti tal-applikazzjoni tal-politika dwar il-kompetizzjoni.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	20.3.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 33 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Heinz K. Becker, Phil Bennion, Pervenche Berès, Vilija Blinkevičiūtė, Philippe Boulland, Milan Cabrnich, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Emer Costello, Andrea Cozzolino, Frédéric Daerden, Karima Delli, Sari Essayah, Thomas Händel, Stephen Hughes, Danuta Jazłowiecka, Martin Kastler, Ádám Kósa, Jean Lambert, Verónica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Óry, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Jutta Steinruck, Traian Ungureanu
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Sergio Gaetano Cofferati, Jürgen Creutzmann, Philippe De Backer, Svetoslav Hristov Malinov, Birgit Sippel, Csaba Sógor

17.1.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2011
(2012/2306(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Andreas Schwab

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu:

1. Huwa tal-fehma li l-infurzar tal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat għandu jkollu bħala fini l-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Istrateġija UE 2020, b'mod partikolari billi jippermetti investimenti fl-ekonomija reali u jiffavorixxi konċentrazzjoni akbar ta' riżorsi fuq ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli;
2. Jinnota li s-suq Ewropew tal-pagamenti elettroniċi għadu frammentat, kemm ġewwa u kemm barra mill-fruntieri nazzjonali; barra minn hekk, jinnota li din il-frammentazzjoni x'aktarx tibqa' jekk l-operaturi li hemm bħalissa tan-netwerks tal-kards u tan-netwerks tat-telefonija mobbli jitħallew jikkontrollaw dawn is-swieq emerġenti ġodda; jinkoraġġixxi l-miżuri u l-infurzar neċessarji biex ikun żgurat suq uniku tal-pagamenti aktar miftuħ, trasparenti, innovattiv u kompetittiv b'mod li jgħib vantaġġi u għażla għall-konsumaturi kollha fir-rigward tal-pagamenti mobbli, l-interoperabilità, l-ispejjeż u l-portabilità; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-modi possibbli li jinġabu entitajiet ġodda – bankarji jew mhux bankarji – fis-suq Ewropew għall-pagamenti bil-kards, bl-internet u bil-mowbajl filwaqt li jiġu protetti l-innovazzjonijiet teknoloġiċi futuri f'dan is-settur; huwa tal-fehma li hu neċessarju tisħiħ tal-viġilanza fuq it-tariffi multilaterali tal-interkambju u jilqa' l-proposti li jinsabu fl-Att dwar is-Suq Uniku II għal reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament u għal inizjattiva leġiżlattiva dwar it-tariffi bankarji multilaterali;
3. Japprova l-intenzjoni tal-Kummissjoni li żżomm l-attenzjoni fuq it-trasparenza tas-swieq finanzjarji imma huwa tal-fehma li hu meħtieġ sforz addizzjonali biex tkun żgurata

informazzjoni fil-ħin, affidabbli u ta' kwalità għolja l-aktar għas-swieq tad-derivattivi;

4. Jemmen li l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji għandha ssir f'qafas li jiżgura rispettt effettiv tad-drittijiet tal-konsumaturi u li sistema ta' rikors kollettiv u oħra ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim jkunu strumenti indispensabbli għal dan l-iskop;
5. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina bir-reqqa l-iżviluppi riċenti fis-suq tal-UE tas-servizzi tal-ġarr tal-merkanzija bl-ajru u s-servizzi ta' distribuzzjoni express; jinnota li s-suq tad-distribuzzjoni express fl-Istati Uniti huwa dominat minn għadd żgħir ta' operaturi ekonomiċi, u jemmen li dan wassal għall-għeluq tas-suq għall-fornituri ta' servizzi Ewropej; jirrimarka li l-UE, għall-kuntrarju, fetħet kostantement is-swieq ta' kunsinna tagħha għal kumpaniji mhux tal-UE; jemmen li dan wassal biex il-kumpaniji tal-UE jitqiegħdu fi żvantaġġ kompetittiv; għalhekk, jemmen li l-fużjoni bejn operaturi ta' servizzi express tal-Istati Uniti u Ewropej jista' jkollha l-effett li tnaqqas b'mod sinifikanti n-numru ta' kumpaniji kbar tas-servizzi ta' distribuzzjoni express u tal-loġistika li joperaw fis-swieq mondjali u tal-UE; jemmen li dan ikun ta' detriment għall-kompetizzjoni fil-prezz u b'mod partikolari għall-konsumaturi fis-suq intern; jitlob, għalhekk, biex kwalunkwe investigazzjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward tkun eżawrjenti u tinkludi analiżi tal-effetti fuq il-konsumaturi, f'konformità mal-prerogattivi tal-Kummissjoni skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);
6. Jirrimarka li hija prassi tal-Kummissjoni li tivvaluta biss l-abbuż tal-pożizzjoni ta' kumpanija fis-suq; jemmen li s-swieq bi ftit atturi biss jissograw ftehimiet ta' kartell; jitlob lill-Kummissjoni teżamina kif is-swieq bi ftit atturi biss tas-suq jiffunzjonaw fir-realtà u tivvaluta kif bosta atturi fis-swieq huma neċessarji biex ikun minimizzat il-periklu tal-kartelli u tkun massimizzata l-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tressaq linji gwida ċari u trasparenti għall-politika tal-kompetizzjoni li jqisu dawn il-prinċipji;
7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibqa' għaddejja bl-implimentazzjoni sħiħa tal-pakkett tas-suq intern tal-enerġija, peress li fis-settur tal-enerġija għadu ma nkisibx kompletament suq uniku miftuħ u kompetittiv; iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq monitoraġġ attiv tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-enerġija, speċifikament kull meta l-privatizzazzjoni tal-utilitajiet pubbliċi toħloq swieq monopolistiċi jew oligopolistiċi;
8. Jinnota li n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet legali effikaċi għall-kumpens tad-dannu kkawżat mill-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni huwa ta' żvantaġġ għall-konsumaturi u li l-multi għal dan il-ksur jitħallsu biss għall-benefiċċju tal-baġits pubbliċi tal-Istati Membri;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura poteri ta' negozjar bilanċjati bejn il-manifatturi u d-distributuri, filwaqt li tenfasizza:
 - l-importanza tal-ġlieda kontra l-prattiki diskriminatorji fil-qasam tad-distribuzzjoni onlajn regolati mir-Regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar ir-restrizzjonijiet vertikali (Regolament tal-Kummissjoni 330/2010) għas-salvagwardja tal-kapaċità tad-distributuri li jużaw metodi innovattivi ta' distribuzzjoni, bħalma huma l-pjattaformi onlajn, u li jilħqu għadd u varjetà akbar ta' konsumaturi;
 - l-importanza tan-negozjaturi fis-swieq għall-bejgħ ta' vetturi ġodda bil-mutur wara

li jiskadi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2002 tal-31 ta' Mejju 2013; jitlob lill-Kummissjoni tinsisti fuq il-bżonn li jiġu żviluppanti prinċipji ta' kondotta tajba bejn il-manifatturi u n-negozjanti fir-rigward tal-ftehimiet vertikali fis-settur tal-vetturi bil-mutur, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni tal-investimenti wara t-terminazzjoni ta' kuntratt u l-possibilità ta' trasferiment ta' negozju lejn membru ieħor tal-istess netwerk, sabiex tkun promossa t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali u kuntrattwali bejn il-partijiet;

10. Jilqa', f'dan il-kuntest, l-isforzi magħmulin mill-partijiet ikkonċernati fil-katina tal-provvista tal-ikel biex jaqblu mal-prinċipji tal-prattika t-tajba fir-relazzjonijiet B2B u fl-implementazzjoni tal-miżuri f'dak li għandu x'jaqsam mal-kompetizzjoni ħielsa u ġusta; jistieden lill-Kummissjoni żżomm l-impenn tagħha favur il-monitoraġġ tal-implementazzjoni ta' dawn il-prinċipji, bħalma se jagħmel il-Parlament permezz tar-Roundtable annwali tiegħu dwar il-bejgħ bl-imnut;
11. Jirrikonoxxi li l-franchising huwa formula tajba biex il-bejjiegħa bl-imnut indipendenti jissopravviva f'ambjent kompetittiv ħafna; jinnota bi tħassib li l-kuntratti għall-bejjiegħa bl-imnut biex ikunu parti minn franchise qed isiru aktar u aktar rigorużi, ngħidu aħna bil-projbizzjoni, wara t-terminazzjoni ta' kuntratt ta' franchise, tal-ftuħ ta' ħanut ġdid fl-istess settur għal perjodu ta' bejn sena u tliet snin; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura poteri ta' negozjar bilanċjati bejn il-franchiser u l-franchisee, bir-riekwilibrar tal-obbligi mniżżlin fir-Regolament tal-Kummissjoni 330/2010 u bil-monitoraġġ tal-iżviluppi fir-relazzjonijiet bejn il-franchisers u l-franchisees;
12. Huwa tal-fehma li, flimkien mar-relazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kummissjoni għandha wkoll tistruttura aħjar il-kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u li relazzjoni bħal din għandha titqies bħala element importanti għall-monitoraġġ tar-regoli dwar il-kompetizzjoni; għal din ir-raġuni, id-djalogu bejn id-DĠ Kompetizzjoni tal-Kummissjoni u dawn l-organizzazzjonijiet għandu jitħeġġeġ u jiġi intensifikat;
13. Jilqa' l-politika tal-għajjnuna mill-Istat, li kkontribwiet għall-istabilità tas-sistema finanzjarja meta ġiet applikata lill-banek; jitlob lill-Kummissjoni twessa' l-valutazzjoni tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern biex tinkludi l-banek pubbliċi tal-investiment fit-tul, inkluż il-Bank Ewropew tal-Investment;
14. Jemmen li s-sjieda u l-ġestjoni tal-midja għandhom ikunu trasparenti u ma jkunux ikkonċentrati; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta kif ir-regoli eżistenti tal-kompetizzjoni jirrelataw mal-konċentrazzjoni kulma jmur tikber tal-midja kummerċjali fl-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tapplika r-regoli dwar il-kompetizzjoni u tintervjeni fejn il-midja hija kkonċentrata wisq u fejn il-pluraliżmu tal-midja huwa fil-periklu; jappella biex ikun hemm regoli li jiżguraw li l-konflitti ta' interess ikunu indirizzati u riżolti b'mod xieraq;
15. Jinnota li l-prezzijiet tal-prodotti għadhom ivarjaw bejn Stat Membru u ieħor, bħalma hu l-każ tal-prezzijiet mitluba għall-mediċini minħabba l-ftehimiet differenti bejn l-Istati Membri u l-industrija farmaċewtika; jitlob lill-Kummissjoni teżamina dan il-fenomen u toħroġ bi proposti għall-ħolqien ta' suq intern aktar trasparenti, billi jkun evitati

differenzi mhux neċessarji fil-prezz, fl-interess tal-konsumaturi.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	18.12.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Cristian Silviu Buşoi, Jorgo Chatzimarkakis, Sergio Gaetano Cofferati, Birgit Collin-Langen, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia de Campos, Cornelis de Jong, Vicente Miguel Garcés Ramón, Evelyne Gebhardt, Louis Grech, Thomas Händel, Małgorzata Handzlik, Philippe Juvin, Sandra Kalniete, Hans-Peter Mayer, Sirpa Pietikäinen, Phil Prendergast, Robert Rochefort, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Marielle Gallo, María Irigoyen Pérez, Constance Le Grip, Emma McClarkin, Sylvana Rapti, Olle Schmidt, Patricia van der Kammen
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Oldřich Vlasák

24.1.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE
(2012/2306(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Syed Kamall

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jagħmlu l-progress lejn it-tlestija tas-suq uniku għat-trasport, filwaqt li jiżguraw kompetizzjoni miftuħa u ġusta fis-setturi tat-trasport, tal-posta u t-turiżmu, filwaqt li jiġu rispettati l-oġġettivi ta' politiki l-oħrajn tal-Unjoni Ewropea, bħal servizzi ta' trasport u ta' mobilità li jiffunzjonaw tajjeb, l-oġġettivi ta' politika fl-oqsma tas-servizzi pubbliċi, standards soċjali, is-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali u l-miri tal-UE dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ u d-dipendenza fuq iż-żejt; jilqa' t-tħabbir tal-Att dwar is-Suq Uniku II immirat sabiex finalment jistabbilixxi l-Ajru Uniku Ewropew u t-tkomplija tal-ftuħ tas-suq tal-ferroviji u l-istabbiliment ta' żona ferrovjarja unika Ewropea;
2. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tkompli ssaħħaħ ir-rabtiet bejn il-politika tal-kompetizzjoni u l-politika tat-trasport sabiex ittejjeb il-kompetittività tas-settur Ewropew tat-trasport;
3. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tkun aktar proattiva fil-promozzjoni tal-konverġenza tar-regoli tal-kompetizzjoni f'negozjati internazzjonali, biex tiżgura ambjent ekwu bejn l-UE u pajjiżi terzi fis-settur tat-trasport;
4. Jenfasizza l-importanza ta' żvilupp uniformi ta' żona Ewropea tat-trasport u t-tneħħija tad-diskrepanzi fl-iżvilupp bejn l-infrastrutturi u s-sistemi tat-trasport tal-Istati Membri sabiex jinkiseb suq uniku Ewropew b'mod reali u tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta fil-qasam tat-trasport;

5. Jenfasizza l-impatt li d-differenzi fiskali għandhom fuq il-kompetizzjoni bejn il-modi ta' trasport differenti u fuq it-trasport intermodali, u jitlob lill-Kummissjoni tippovdi deskrizzjoni ġenerali tat-taxxi u tas-sistemi differenti tal-VAT għad-diversi tipi ta' trasport;
6. Jifhem li l-leġislazzjoni tal-UE xi kultant hija implimentata b'mod dgħajef fl-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward u jitlob lill-Kummissjoni tidentifika l-implimentazzjoni inadegwata u metodi mtejbja ta' implimentazzjoni tal-leġislazzjoni qabel ma tippromponi leġislazzjoni ġdida; jemmen li l-implimentazzjoni xierqa tar-riformulazzjoni tal-ewwel pakkett ferrovjarju hu essenzjali biex tiżdied il-kompetizzjoni fis-suq ferrovjarju;
7. Jenfasizza li sabiex ikun hemm kompetizzjoni ħielsa u ġusta fil-livell Ewropew, għandhom jittneħħew l-ostakoli fiżiċi, tekniċi u regulatorji bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' networks interoperabbli u effiċjenti trans-Ewropej;
8. Ifakkar li l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni għall-forom kollha tat-trasport għandhom ikunu konsistenti jekk għandu jkun hemm kompetizzjoni ġusta bejn il-modi differenti ta' trasport;
9. Jilqa', bħala prinċipju, l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fil-metodi kollha tat-trasport, iżda jenfasizza li kull metodu ta' trasport hu intrinsikament differenti u li kwalunkwe proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li tiggarrantixxi d-drittijiet eżistenti għall-passiġġieri, għandha wkoll tiżgura approċċ proporzjonali u flessibbli li jirrikonoxxi d-differenzi bejn il-modi differenti;
10. Jitlob li tinħoloq sistema multimodali għar-reservazzjoni u l-bejgħ tal-biljetti tal-ivvjaġġar biex ikun żgurat li l-passiġġieri ma jibqgħux jiffaċċjaw problemi fl-ippjanar u li effettivament jagħmlu vjaġġi multimodali.
11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet rilevanti, fid-dawl tal-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar it-Trasport bl-Ajru, biex jintensifikaw il-kooperazzjoni filwaqt li jaħdmu biex jiżviluppaw approċċi regulatorji kompatibbli għall-kwistjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-alleanzi tal-linji tal-ajru u biex ifittxu attivament modi biex iħeġġu lill-alleanzi l-kbar jikkompetu b'mod iktar vigoruż fis-suq transatlantiku;
12. Jirrikonoxxi li l-għan tal-Kummissjoni meta pproponiet il-Pakkett ta' Ajruporti Aħjar kien biex tgħin tittaffa' l-problema tal-kapaċità tal-UE filwaqt li tiġi promossa wkoll il-kompetizzjoni; jemmen, barra minn hekk, li l-UE għadha teħtieġ kapaċità miżjuda u għandha taġġorna l-ajruporti tagħha sabiex tibqa' kompetittiva globalment;
13. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi biex tittratta l-kwistjoni lokalizzata ta' nuqqas ta' kapaċità fl-ajruporti Ewropej u jħeġġeġ l-użu aħjar tal-kapaċità żejda fl-ajruporti reġjonali permezz, b'mod partikolari, tal-iżvilupp ta' qafas Ewropew għall-multimodalità u permezz tal-ħruġ tal-biljetti;
14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħaffu l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar l-Ajru Uniku Ewropew bil-għan li l-ipprezzar ta' servizzi jsir aktar trasparenti, biex b'hekk ikun iffaċilitat il-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni u tkun

immassimizzata l-kompetittività u s-sikurezza tal-hub Ewropew, u biex ikompli l-ħidma tagħhom favur il-promozzjoni tal-kompetittività fl-ajruporti Ewropej għall-benefiċċju kemm tal-ekonomija kif ukoll tal-passiġġieri;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti deskrizzjoni ġenerali, ġustifikata permezz tal-evidenza, tal-każijiet li fihom il-linji tal-ajru għandhom vantaġġ fir-rigward ta' fornituri oħra tas-servizzi permezz ta' kondizzjonijiet speċjali jew, kif allegat, jabbużaw mill-pożizzjoni dominanti tagħhom f'ċerti ajruporti, partikolarment permezz tal-impożizzjoni ta' regola ta' bagalja waħda u restrizzjonijiet oħra dwar x'inhom permess fil-bagalji li jittellgħu fil-kabini;
16. Iqis li l-attivitajiet kummerċjali huma sors kbir ta' dħul għall-ajruporti u dawn it-tipi ta' prattiki aggressivi jistgħu jikkostitwixxu abbuż mill-pożizzjoni dominanti tat-trasportatur;
17. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tanalizza l-aspetti ta' kiri bl-ekwipaġġ u l-kondiviżjoni ta' kodiċi tal-industrija tal-ajru sabiex tiżgura kompetizzjoni ġusta;
18. Ihegġegħ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-kummerċ, l-użu u l-allokazzjoni ta' slots fl-ajruporti Ewropej, biex tiżgura l-kompetizzjoni ġusta kif ukoll il-protezzjoni tal-konnettività reġjonali fl-Ewropa kollha;
19. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-miżuri li jolqtu lill-operaturi tal-ajru low-cost, sabiex tiżgura li dawn il-miżuri ma jkunux strumenti ta' kompetizzjoni mhux ġusta;
20. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, fit-trattament tar-reviżjoni tal-linji gwida tal-avjazzjoni u tal-ajruporti tal-UE dwar l-għajnuna mill-istat, tiżgura li ma jkun hemm ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni u tistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi tal-kompetizzjoni għall-partiċipanti tas-suq kollha;
21. Jitlob li jitneħħew il-fruntieri li jevitaw l-ottimizzazzjoni tas-suq intern għat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni, peress li dan joffri opportunitajiet enormi; jistieden lill-Kummissjoni trawwem użu aktar ġeneralizzat tat-teknoloġiji moderni fil-qasam tal-komunikazzjoni u tat-teknoloġija tal-informazzjoni u biex tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tikseb sistema unifikata u effiċjenti tar-regoli għan-navigazzjoni fil-livell tal-UE malajr kemm jista' jkun;
22. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, meta tipproponi pakkett leġislattiv ġdid dwar il-portijiet, biex titgħallem mill-esperjenza tal-privatizzazzjoni ta' xi Stati Membri u tadotta approċċ orjentat lejn is-suq li jiffoka fuq il-ħolqien ta' ambjent kompetittiv miftuħ bejn il-portijiet u l-garanzija tal-kundizzjonijiet soċjali tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tqis il-possibilità li toħloq inċentivi finanzjarji u programmi tal-UE, bħall-Programm NAIADES, sabiex tgħin lill-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-portijiet jimmodernizzaw l-infrastruttura tal-port u lill-operaturi tat-trasport marittimu sabiex jimmodernizzaw u jġeddu l-flotta;
23. Jinnota l-progress limitat li twettaq fil-liberalizzazzjoni tas-settur ferrovjarju Ewropew, u li din is-sitwazzjoni tpoġġi lill-ferroviji fi żvantaġġ fir-rigward ta' mezzi oħrajn ta' trasport, speċjalment b'kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-kompetittività tas-settur ferrovjarju fl-Ewropa kollha;
24. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tikkonkludi l-implimentazzjoni taż-Żona Ferrovjarja Unika

- Ewropea billi tiżgura li jkun hemm il-kundizzjonijiet xierqa għall-ftuħ tas-settur għal kompetizzjoni ħielsa u ġusta, anke billi l-kumpaniji ferrovjarji effiċjenti u innovattivi jitħallew joperaw bis-sħiħ, separazzjoni ċara bejn il-maniġers tal-infrastruttura u l-impriżi ferrovjarji, korpi regolatorji nazzjonali b'saħħithom u l-armonizzazzjoni tar-regolamenti tal-persunal; jistieden lill-Kummissjoni tqis l-metodi operattivi differenti tal-kumpaniji ferrovjarji nazzjonali fit-tħejjija għall-ftuħ tas-suq ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri u tagħmel proposti speċifiċi sabiex ittemm ir-restrizzjonijiet indiretti fuq il-kompetizzjoni li jirriżultaw minn dispożizzjonijiet inkonsistenti dwar is-sigurtà, l-interoperabilità u l-awtorizzazzjoni;
25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarrantixxu l-ftuħ tas-settur tat-trasport ferrovjarju għal kompetizzjoni ġusta, kif ukoll kwalità aħjar tas-servizzi, mingħajr ma jiġu pperikolati l-provvisti tas-servizz pubbliku;
 26. Jiddeplora l-fatt li xi Stati Membri daħħlu taxxi b'rati fissi għall-impriżi kollha li jużaw in-networks nazzjonali tagħhom filwaqt li neħħew it-taxxa kummerċjali għall-kumpaniji lokali; iqis li dawn il-prattiki jmorru kontra l-prinċipji ta' kompetizzjoni ħielsa u nondiskriminatorja; jistieden lill-Kummissjoni tissodisfa l-obbligi tagħha bħala l-gwardjana tat-Trattati u tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-intrapriżi kollha jkunu jistgħu jużaw networks bl-istess kundizzjonijiet;
 27. Jemmen li l-kompetizzjoni miżjuda li rriżultat mill-ftuħ gradwali tas-suq tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri fl-UE tista' ġgħib benefiċċji għall-konsumaturi imma hu mħasseb dwar il-fatt li l-leġiżlazzjoni eżistenti mhux dejjem tiġi applikata b'mod effettiv, filwaqt li liġijiet oħra jkollhom impatt negattiv fuq xi kumpaniji żgħira u ta' daqs medju tat-trasport bit-triq; jitlob, barra minn hekk, li jitqies iktar kif il-ftuħ ulterjuri tas-swieq nazzjonali tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri se jolqot lill-kumpanijiet ta' kull daqs u lill-ħaddiema tat-trasport bit-triq;
 28. Jenfasizza li l-ftuħ ulterjuri tas-suq tat-trasport ta' passiġġieri bit-triq fl-UE jista' jkun aċċettabbli biss meta jkun garantit ambjent ekwu bejn l-intrapriżi tat-trasport u meta tkun salvagwardjata l-protezzjoni tal-leġiżlazzjoni soċjali u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-ħaddiema mobbli fl-Istati Membri kollha;
 29. Jenfasizza l-ħtieġa li tkun evitata l-kompetizzjoni inġusta fis-settur tat-trasport liberalizzat bit-triq billi jkun hemm garanziji li r-regoli soċjali, ambjentali u ta' sigurtà jkunu applikati b'mod xieraq, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-ftuħ ta' dan is-suq għall-prattiki ta' kabotaġġ u dumping;
 30. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal miżuri speċifiċi b'kooperazzjoni mal-Istati Membri sabiex telimina d-differenzi konsiderevoli li jeżistu bejn l-Istati Membri f'termini ta' pieni għal ksur serju tad-dispożizzjonijiet soċjali fit-trasport bit-triq u b'hekk ittemm dan it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni;
 31. Jistieden lill-Istati Membri jimplementaw it-tielet Direttiva Postali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina mill-qrib u tirraporta l-konsegwenzi soċjali tal-liberalizzazzjoni tas-suq postali u tal-obbligu ta' servizz universali f'dan il-qasam, inkluż il-finanzjament tas-servizz universali;
 32. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex wara li tikkunsidra t-Trattat ta' Lisbona, il-kompetenzi

konsolidati l-ġodda u l-potenzjal ekonomiku tat-turiżmu għall-UE, tiffaċilita l-kooperazzjoni proattiva bejn l-impriżi tat-turiżmu u tiegħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura l-kompetittività dinjija tad-destinazzjonijiet ta' eċċellenza tat-turiżmu tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tħaffef il-proċeduri tal-proposta leġiżlattiva dwar il-pakketti tal-ivvjaġġar sabiex tiżgura kompetizzjoni adegwata u tiggarrantixxi suq ħieles ċar fis-settur Ewropew tat-turiżmu;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.1.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 -: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Philip Bradbourn, Antonio Cancian, Michael Cramer, Joseph Cuschieri, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Jacqueline Foster, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Juozas Imbrasas, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Bogusław Liberadzki, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Hubert Pirker, Petri Sarvamaa, David-Maria Sassoli, Vilja Savisaar-Toomast, Brian Simpson, Keith Taylor, Silvia-Adriana Țicău, Giommaria Uggias, Peter van Dalen, Dominique Vlasto, Artur Zasada, Roberts Zīle
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Spyros Danellis, Michel Dantin, Isabelle Durant, Eider Gardiazábal Rubial, Ádám Kósa, Dominique Riquet, Alfreds Rubiks, Ramon Tremosa i Balcells
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Karin Kadenbach

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	11.4.2013						
Riżultat tal-votazzjoni finali	<table style="width: 100%; border: none;"> <tr> <td style="width: 60%;">+:</td> <td style="text-align: right;">32</td> </tr> <tr> <td>–:</td> <td style="text-align: right;">1</td> </tr> <tr> <td>0:</td> <td style="text-align: right;">1</td> </tr> </table>	+:	32	–:	1	0:	1
+:	32						
–:	1						
0:	1						
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Băsescu, Jean-Paul Basset, Udo Bullmann, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Diogo Feio, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Liem Hoang Ngoc, Othmar Karas, Jürgen Klute, Arlene McCarthy, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Peter Simon, Sampo Terho, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool, Pablo Zalba Bidegain						
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Herbert Dorfmann, Sari Essayah, Ashley Fox, Robert Goebbels, Sophia in 't Veld, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Andreas Schwab, Nils Torvalds						
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Oldřich Vlasák						